MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 128/2007

**Carmela Cassar;**
**Mary Attard;**
**Josephine Sultana**
**vs**

**Tarcisio u Maria Victoria konjuġi Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew :

Illi r-rikorrenti atturi huma eredi flimkien ma’ terzi persuni u ma’ l-intimata konvenuta ta’ binha u ħuhom rispettivament Eucharist Cassar illi kien ġuvni u li miet traġikament fuq il-post tax-xogħol fl-erbgħa (4) ta’ Frar elf disa’ mija u tmienja u disgħin (1998);

Illi kien sar konvenju bejn l-imsemmi Eucharist Cassar u l-intimati konvenuti datat ħamsa (5) ta' Ottubru elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) għand in-Nutar Paul George Pisani, għax-xiri ta' "flat internament markat bin-numru tnejn (2) formanti parti minn korp bini bla numru u magħruf bl-isem "Valley Court", fi Triq il-Baħħara, Għajnsielem, kif ukoll il-garage internament markat bin-numru erbgħa (4) formanti parti mill-istess block ... *in shell form*", kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument "CC1";

Illi l-imsemmi Eucharist Cassar kien ħa l-pussess ta' l-imsemmi flat u garage malli sar il-konvenju u kien ukoll għamel ix-xogħolijiet kollha neċessarji sabiex ġab il-flat u garage *finished*, kif ukoll beda jagħmel xi għamara fih;

Illi l-imsemmi Eucharist Cassar kien informa lil ommu, r-rikorrenti attriċi Carmela Cassar, illi huwa kien ħallas lill-intimati konvenuti l-prezz kollu dovut għax-xiri ta' l-imsemmija proprjeta';

Illi peress illi l-imsemmi Eucharist Cassar kellu l-ħsieb illi jerġa' jbiegħ l-imsemmija proprjeta, l-kutnratt finali bejn il-partijiet fuq il-konvenju bi ftehim bejniethom baqa' ma sarx u dan sakemm jinstab xerrej ġdid;

Illi sfortunatament fil-frattemp Eucharist Cassar ġie nieqed traġikament. Ir-rikorrenti atturi flimkien ma' l-eredi l-oħra kienu ltaqgħu sabiex jaraw kfi se jieħdu ħsieb l-assi ta' Eucharist Cassar kif ukoll il-proċeduri li kellhom jittieħdu fil-Qorti fil-konfront ta' dawk responsabbli għall-mewt tiegħu. Kien ġie miftiehem bejn il-partijiet illi l-intimat konvenut kien se jieħu ħsieb il-proċeduri kollha tal-Qorti u li l-imsemmija proprjeta ta' Eucharist Cassar tinbiegħ, ir-rikavat jiġi depożitat f'kont bankarju u l-ispejjeż kellu mbagħad jinqasam ugwalment bejn l-eredi ta' Eucharist Casar. Il-partijiet kollha nklużi l-intimati konvenuti qablu ma dan il-ftehim u sa dakinhar l-intimai konvenuti qatt ma ċaħdu li l-imsemmija proprjeta kienet ta' Eucharist Cassar u kienet ġiet kompletament mħallsa minnu, iżda l-intimat konvenut ma qabilx illi l-flus jiġu depożitati f'isem kulħadd iżda ried li jiġu depożitati f'ismu biss;

Illi peress illi l-intimata konvenuta hija ukoll waħda mill-aħwa Casar, r-rikorrenti atturi u l-eredi l-oħra aċċettaw a bażi tal-fiduċja reċiproka familjari;

Illi xi ftit jiem wara, oħt ir-rikorrenti atturi Maryjane Ellul uriet l-interess illi tixtri l-proprejta hi u wara li saru d-diskuzzjonjiet bejn l-eredi kollha ġie ffissat il-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm27,000) u fil-fatt sar il-bejgħ bejn l-intimati konvenuti u l-konjuġi Ellul;

Illi riċentament ġiet deċiża kawża mill-Qoti Superjuri u r-rikorrenti atturi talbu rendikont ta' l-ispejjeż u l-bilanċ ta' sehemhom minn għand l-intimati konvenuti;

Illi l-intimati konvenuti pero' ċaħdu lir-rikorrenti atturi u baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna lill-intimati konvenuti jġibu rendikont ta' l-ispejjeż kommessi fil-proċeduri illi ttieħdu fil-Qorti dwar il-mewt ta' l-imsemmi Eucharist Cassar, liema proċeduri illum huma res judicata fil-konfront tar-rikorrenti atturi Cassar stante illi huma ma appellawx minnhom;

2. Tordna lill-intimati konvenuti sabiex jirrifondu lir-rikorrenti atturi l-bilanċ ta' sehmhom mill-prezz tal-proprjeta msemmija u ċioe tlettax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm13,500) wara li jinqatgħu l-ispejjeż fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Settembru 2007, u ta' l-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Settembru 2007 u bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament.
U bl-inġunzjoni tal-intimati konvenuti li għalija minn issa qed jiġu mħarrka.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. Illi in linea preliminari l-atturi, rikorrenti, iridu jispeċifikaw x'tip ta' kawża qegħdin jintentaw, cjoe' jekk humiex jipproċedu a bażi tal-konvenju iffirmat bejn l-esponenti u Eucharist Cassar, jew jekk għall-kuntrarju humiex jipproċedu a bazi ta' xi azzjoni *sui generis* bażata fuq il-fiduċja familjari illi huma jsemmu fir-rikors tagħhom. Ovvjament it-tip ta' eċċezzjoni illi ser iressqu l-esponenti kontra din it-talba tiddependi ħafna fuq it-tip ta' azzjoni illi qegħdin jippromuovu l-atturi. Għaldaqstant l-esponenti qegħdin minn issa jirriżervaw id-dritt illi jqajmu eċċezzjonijiet ulterjuri kontra t-talbiet attriċi darba l-atturi jagħmlu din il-preċiżjoni.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-ġudizzju mhux integru u l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex jirriżulta illi Eucharist Cassar kellu eredi oħra barra dawk partijiet f'din il-kawża, u ma huwiex mogħti id-dritt lil xi ħadd illi jipproċedi ġudizzjarjament rigward assi formanti parti minn eredita' mingħajr il-preżenza fil-ġudizzju tal-persuni kollha kjamati għal dik l-eredita';

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, irid jiġi pruvat illi Josephine Sultana tat il-kunsens tagħha u aderiet għall-preżentata tar-rikors odjern;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi, inklużi dawk ta' l-ittra responsiva tas-17 ta' Settembru 2007 u dik uffiċjali ta' Ottubru 2007; (**Dokumenti A u B**)

5. Illi fl-ewwel lok, il-konvenju iffirmat bejn l-esponenti u Eucharist Cassar fil-5 ta' Ottubru 1995 skada u tilef l-effetti vinkolanti tiegħu fil-ħamsa ta' Frar 1996 – inċidentalment sentejn qabel ma miet l-istess Eucharist Cassar, mingħajr ma sar ebda ftehim, jew xi proċedura oħra inkluż dik ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex dan il-konvenju jiġi mġedded.

6. Illi per konsegwenza l-appartament internament markat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokk bl-isem ta' "Valley Court" fi Triq il-Baħħara, Għajnsielem, Għawdex u l-garaxx markat bin-numru erbgħa (4) formanti parti mill-istess blokk qatt ma kien sar proprjeta` tal-mejjet Eucharist Cassar u baqa' dejjem proprjeta` tal-konjuġi Azzopardi u fuqu la Eucharist Cassar u lanqas l-aventi kawża minnu ma kien fadlilhom xi dritt.

7. Illi lanqas huwa minnu li Eucharist Cassar kien ħallas l-prezz kollu għax-xiri ta' proprjeta`.

8. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, qatt ma intlaħaq xi ftehim bejn l-esponenti u r-rikorrenti sabiex dan l-appartament u l-garaxx jinbiegħu u r-rikavat jiġi depositat f'kont bankarju;

9. Illi mhux minnu li l-appartament inbiegħ lill-konjuġi Ellul għall-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf lira Maltin (Lm27,000) (€ 62,893.08) iżda inbiegħ għall-prezz ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000) (€ 20,964.36) skond kif jirriżulta mill-kuntratt tat-trasferiment hawn anness u markat bhala **Dokument C**;

10. Illi rigward l-ispejjeż tal-proċeduri taċ-ċitazzjoni numru 27/1999 fl-ismijiet Carmela Cassar et vs Prim' Ministru et, mhuwiex korrett jingħad illi dina l-kawża għaddiet in ġudikat għas-sempliċi raġuni li ġie intavolat appell minn dina s-sentenza fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2007, liema appell għadu ma ġiex appuntat u għalhekk żgur li huwa prematur sabiex f'dan l-istadju jkun jista' jsir xi forma ta' rendikont finali dwar l-ispejjez ta' dina l-kawża. L-esponenti m'għandhom l-ebda diffikulta` li jirrediġu dan ir-rendikont la darba l-appell jiġi deċiż; anzi huwa fl-interess tagħhom li jagħmlu dan ir-rendikont sabiex ikunu jistgħu jiġu rimborżati għall-ispejjeż kollha inkorsi minnhom f'dina l-kawża;

11. Illi b'riferenza partikolari għal kull paragrafu tar-rikors promotur l-esponenti jiddikjaraw li:

(a) il-kontenut ta’ l-ewwel u t-tieni paragrafi huma korretti;

(b) illi għar-rigward it-tielet paragrafu, l-esponenti josservaw li kwalunkwe xogħlijiet, jekk saru, saru minn Eucharist Cassar a riskju tiegħu għaliex huwa ma kienx proprjetarju ta’ l-appartament u l-garaxx in kwistjoni;

(c) illi r-raba’ paragrafu lanqas m’hu korrett għaliex Eucharist Cassar ma kienx ħallas l-prezz kollu dovut għall-appartament u l-garaxx;

(d) Illi kif diġa` spjegat iktar ’l fuq ma kien hemm l-ebda ftehim sabiex Eucharist Cassar ibiegħ il-proprjeta` lil terzi u l-kuntratt finali isir direttament ma’ dawn it-terzi persuni u għalhekk il-ħames paragrafu ma jirriflettix il-verita`;

(e) Illi in segwitu ta’ dak li ġie premess, lanqas ma jistgħu jkunu korretti is-sitt u s-seba’ paragrafi tar-rikors promotur fejn jingħad li kienet saret xi laqgħa sabiex jiġi diskuss kif se tittieħed ħsieb il-proprjeta` ta’ Eucharist Cassar, partikolarment l-appartament u l-garaxx ta’ Valley Court u lanqas ma kien sar xi qbil biex ir-rikavat mill-bejgħ tal-proprjeta` ta’ Eucharist Cassar jiġi depositat f’xi kont f’isem l-esponenti;

(f) Illi huwa minnu li l-appartament f’Valley Court inxtara minn Mary Jane Ellul u żewġa Vince; pero` dan ġie trasferit għall-prezz ta’ disat elef lira Maltin (Lm 9,000) (€ 20,964.36) u mhux għall-prezz allegat fir-rikors promotur;

(g) Illi huwa minnu wkoll li ġiet deċiża kawża mill-Qorti Superjuri rigward l-inċident traġiku li fih kien involut Eucharist Cassar pero` dina s-sentenza mhux finali għaliex ġie intavolat appell minnha mill-konvenut;

12. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu:

(i) li l-konvenuti jagħtuhom rendikont tal-ispejjeż li ntefqu fil-kawżi relatati mal-mewt ta’ Eucharist Cassar, li fihom kienu pparteċipaw il-kondendenti; u

(ii) wara li jitnaqqas sehemhom minn dawn l-ispejjeż, jirrifondulhom il-parti tagħhom mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kienu f’idejn l-istess Eucharist Cassar sakemm kien għadu ħaj, u li wara nbiegħu mill-konvenuti.

Il-konvenuti qegħdin jopponu dawn it-talbiet għad-diversi raġunijiet indikati fir-Risposta ġuramentata tagħhom.

Il-fatti fil-qosor li wasslu għal din il-kawża kienu s-segwenti:

Fil-5 ta’ Ottubru 1995, Karistu Cassar, bin l-attriċi u ħu l-atturi l-oħra daħal f’konvenju mal-konvenuti[1] sabiex jixtri minn għandhom appartament u *garage in shell form* f’Għajnsielem. Il-prezz kellu jkun ta’ Lm19,500, li minnhom tħallsu Lm2000 bħala depożitu fuq il-konvenju, bil-bilanċ jitħallas fuq il-kuntratt, ħlief għal Lm4500 li kellhom jitħallsu f’pagamenti mensili ta’ Lm100 kull wieħed mingħajr interessi. Il-kuntratt relattiv kellu jsir fi żmien erba’ xhur, imma baqa’ qatt ma sar. Madankollu Cassar laħaq għamel diversi xogħolijiet ta’ tlestija fl-appartament, bħal tikħil, tqiegħid ta’ madum, u mogħdija ta’ sistema ta’ elettriku u ilma, sakemm miet f’inċident sfortunat fl-4 ta’

[1] Ara kopja esebita bhala Dok.CC 1 a fol. 6 – 7 tal-process

Frar 1998. In segwitu għal din id-disgrazzja, l-aħwa kollha u żwieġhom ltaqgħu fid-dar tal-attriċi Carmela Cassar, u ġie deċiż li jittieħdu proċeduri ċivili u kriminali kontra min deherilhom li kien responsabli għal dak li ġara, u dan sabiex jitnaddaf isem Karistu mix-xniegħa li kien ikkommetta suwiċidju. Qablu li għal dawn il-proċeduri u l-ispejjeż relattivi kellu jieħu ħsieb il-konvenut Tarcisio Azzopardi.

Fl-10 ta' Ottubru tal-istess sena, il-konvenuti biegħu l-appartament u *garage* li kienu ġew mwegħda lill-Karistu Cassar lil Vincent Ellul u martu Mary Jane, din oħt Karistu wkoll, għall-prezz dikjarat fuq il-kuntratt ta' Lm9000.[2] Wara li ġew deċiżi sew il-kawża kriminali kontra min kien responsabbli għall-mewt ta' Karistu Cassar, kif ukoll fil-prim'istanza dik ċivili għad-danni relattivi, l-atturi talbu lill-konvenuti jaghtuhom rendikont tal-ispejjeż minnhom imħallsa, u biex, wara li jinqata' sehemhom minn dawn l-ispejjeż, jirrifondulhom il-parti spettanti lilhom mir-rikavat tal-bejgħ ta' dan l-appartament u garage. Il-konvenuti pero' rrifjutaw u għalhekk saret din il-kawża.

L-atturi qed isostnu li meta ftehmu li jinfetħu l-proċeduri ġudizzjarji konnessi mal-mewt ta' Karistu, u peress li ħadd minnhom ma kien f'posizzjoni li joħroġ spejjeż, kien hemm qbil li dawn jitnaqqsu mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* ta' Karistu, li kellhom jinbiegħu għall-prezz ta' Lm27,000, u l-bilanċ imbagħad jinqasam bejn l-eredi tiegħu *ex lege*, u ċioe' ommu u l-ħames ħutu, inkluż il-konvenuta li tiġi oħtu wkoll. Il-konvenuti jiċħdu li qatt kien hemm xi ftehim f'dan is-sens. Jammettu biss li Tarcisio kien aċċetta li jieħu ħsieb jsegwi l-kawżi msemmija.

Fir-Risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti fl-ewwel lok iqajjmu dubbju dwar it-tip ta' azzjoni ttentata mill-atturi. Huwa evidenti pero' li l-atturi qegħdin jagixxu a bażi tal-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

**"(1) Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.**

---

[2] Ara kopja tieghu esebita bhala Dok. C a fol. 20 – 21

**(2) Iżda, ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali."**

L-atturi jikkontendu li Karistu Cassar, għalkemm baqa' ma għamilx il-kuntratt, kien ħallas il-prezz kollu tal-appartament u *garage* imwegħda bil-konvenju tal-1995. Barra minn hekk isostnu li kien laħaq wettaq ix-xogħolijet kollha ta' tlestija fl-appartament biex żdied il-valur tiegħu, u għalhekk ftehmu li dawn iż-żewġ proprjetajiet kellhom jinbiegħu għall-prezz komplessiv ta' Lm27,000. Huma jippretendu li, ġialadarba l-konvenuti kienu ġia tħallsu dak dovut minn Karistu, ir-rikavat mill-bejgħ li kien jirrifletti wkoll il-benefikati magħmula fl-appartament, kien jispetta lill-eredi kollha tiegħu u mhux lill-konvenuti biss, li allura ġew li tħallsu darbtejn.

Dwar artikolu identiku fil-liġi taljana l-antika, il-**Giorgi** jikkumenta illi:

"*I pagamenti eseguiti per una causa futura che non e' poi' verificata, o per causa gia' esistente, ma venuta dopo a mancare, possono ripetersi; …Il fondamento di questo diritto di ripetizione, quando non si trovi in qualche disposizione speciale dei contratti, bisogna cercarlo nell'articolo 1237 del Codice Civile, e nei principii generali del diritto, i quali su questo proposito… non fanna che sanzionare e fortificare canoni di equita' e di morale, rispettati in tutti i tempi della dottrina e dalla pratica forense*." [3]

Fil-lista tal-eżempji li jagħti fejn tista' tintalab ir-ripetizjoni b'dan il-mod, l-istess awtur isemmi appuntu l-każ ta' "*pagamento fatto per adempiere una condizione sotto la quale ci e' stato conceduto un diritto, quante volte non si acquisti poi effettivamente il diritto stesso*."[4] Proprju kif għandna fil-każ in eżami, fejn minkejja li allegatament saru l-pagamenti kollha dovuti, u anke l-benefikati fil-

[3] Teoria dele Obbligazioni nel Diritto Moderrno Italiano, 1904, vol.V, para. 130 pag. 198
[4] Op.cit. para. 132 pag. 200 -201

proprjeta’ li kellha tinbiegħ lil Karistu Cassar, din baqgħet qatt ma ġiet trasferita formalment lilu bil-kuntratt.

Dwar il-kwistjoni jekk l-ewwel talba in konnessjoni mar-rendikont tal-ispejjeż involti fil-kawżi li kellhom isiru kienitx intempestiva, rriżulta minnu illi meta ġiet intavolata l-kawża presenti, l-kawża ċivili ma kienitx għada nqatgħet definittivament, billi kien sar appell minnha. Hemm qbil pero’ li dan l-appell ġie deċiż fil-mori tas-smiegħ tal-kawża presenti, u għalhekk bid-dottrina tal-*jus superveniens,* din it-talba tista’ tiġi konsidrata xorta waħda. Kif insibu fil-ġurisprudenza f’dan ir-rigward:

“…*l-Ewwel Qorti ġustament applikat it-teorija tal-jus superveniens li, f’każijiet tipiċi msemmija fid-dottrina u applikati mill-Qrati tagħna, tipotizza l-verifika ta’ kondizzjoni jew l-iskadenza ta’ termini waqt il-kawża u dan biex jiġu evitati r-ripetizzjoni tal-kawżi u spejjeż inutili. Infatti din il-prattika ġiet introdotta minn Sir Antonio Micallef, fuq l-awtorita’ tal-Voet ad Pen.Lib.5,Tit.1, No.27, f’każ ta’ merkanzija li ġiet mibjugħa bil-patt li x-xerrej jitħallas tagħha meta jirnexxilu jsib ir-rivendita. L-attur tilef fl-ewwel istanza, iżda bejn is-sentenza u l-petizzjoni tal-Appell il-konvenut sab il-bejgħ. Għalhekk il-Qorti kif presjeduta minn Sir Antonio Micallef ikkundannatu jħallas il-prezz bl-ispejjeż tat-tieni istanza. Fl-istess sens jistgħu jiġu kostatati l-koll. Vol.XXIV.II.281; XXIX.II.405; XXXI.I.588; XXXVII.I.220 u 445 u Vol.XXIV.II.281.”* [5]

Fir-Risposta tagħhom il-konvenuti jitfgħu dubbju dwar kemm Josephine Sultana tassew tat il-kunsens tagħha sabiex tingħaqad mal-atturi f’din il-kawża. Irriżulta pero’ li hija taqbel perfettament mal-atturi l-oħra, u nfatti pparteċipat ukoll bis-sħiħ fil-kawża, anke billi ddeponiet minn jeddha fiha.

Il-konvenuti jikkontendu wkoll li l-ġudizzju mhux integru għax ma ġewx imdaħħlin f’din il-kawża tnejn mill-eredi ta’ Karistu Cassar, u ċioe’ ħutu Angelo u Mary Jane Ellul.

[5] Appell Inferjuri: Francis Fenech vs Joyce Restall et: 2.03.1982, kollez. Vol. LXVI pt.II pag.324

Imma kif rajna, billi din mhix kawża għad-diviżjoni ta' wirt, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġu nklużi l-eredi kollha tiegħu.

Niġu issa għalhekk sabiex jiġi ttrattat il-mertu proprju tal-kawża, u ċioe' jekk hux minnu li kien hemm qbil li r-rikavat mill-bejgħ tal-proprjeta' li kellu f'idejh Karistu Cassar ried jinqasam bejn l-eredi kollha tiegħu, u dan wara li jinqatgħu l-ispejjeż tal-kawżi relatati mal-mewt tiegħu. Jidher mill-provi miġbura li hawnhekk għandha żewġ verżjonijiet diametrikament opposti għal xulxin. Il-kompitu tal-Qorti huwa għalhekk li teżamina u tevalwa  l-provi prodotti, biex imbagħad tiddeċidi liema minn dawn il-verżjonijiet hija l-iktar kredibbli u verosimili.

**L-atturi** kollha u l-konjuġi Ellul, li xtraw il-proprjeta' mwiegħda lil Karistu Cassar, kienu unanimi fil-verżjoni li taw  ta' kif  fil-fehma tagħhom seħħew l-affarijiet. Wara li sar il-konvenju għax-xiri tal-appartament u l-*garage* mingħand il-konvenuti, Karistu beda jagħmel ix-xogħolijiet ta' tlestija fl-appartament bl-intenzjoni li meta jkun lest jerġa' jbiegħu. Minħabba f'hekk ma xtaqx jagħmel il-kuntratt mal-konvenuti biex jiffranka t-taxxi. Sadanittant baqa' regolarment jagħmel pagamenti lill-konvenut, sakemm sa ftit qabel ma miet kien laħaq ħallas kollox. Dan seta' jagħmlu billi, apparti x-xogħol regolari tiegħu bħala suldat fl-Armata, kien jaħdem *part-time* mal-konvenut stess fin-negozju tal-*aluminium*, u anke jmexxi l-Bar tal-kazin tal-football tax-Xewkija. Ir-riċevuti relattivi għall-ħlas li kien perjodikament jagħmel lill-konvenut, kien iżommhom f'kexxun tal-kċina fid-dar ta' ommu l-attriċi, u sussegwentement f'*file* roża mdendel ma' musmar fl-appartament stess. Dan il-*file* pero' baqa' ma nstabx. Ċavetta kien iżomm waħda Karistu u oħra jħalliha f'idejn il-konvenut, f'każ li tiegħu ikun insiha d-dar t'ommu x-Xewkija.

F'laqgħa li nżammet ftit wara l-mewt tiegħu fid-dar tal-attriċi Carmela Cassar, u li għaliha kienu presenti l-aħwa kollha tal-mejjet flimkien ma' żwieġhom, intlaħaq ftehim li jinfetħu proċeduri ġudizzjarji biex jiġi stabilit tassew min kien responsabbli għall-mewt ta' Karistu. Imma ħafna

minn dawk presenti kienu preokkupati mill-ispejjeż involuti f'dawn il-proċeduri u lanqas ma kellhom avukat ta' fiduċja tagħhom. Il-konvenut li kien midħla tan-negozju, offra li jieħu ħsieb il-proċeduri tal-Qorti hu stess, b'dan illi l-ispejjeż involuti jitħallsu mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kellhom jitpoġġew fis-suq għal Lm30,000. F'xi żmien wara tħajjru jixtruhom il-konjuġi Ellul u billi kienu ta' ġewwa, kien hemm qbil li jeħduhom bil-prezz ta' Lm27,000. Infatti sar il-kuntratt relattiv bejn il-konvenuti u l-konjuġi Ellul fl-10 ta' Ottubru 1998. Kif ikkonfermaw l-istess konjuġi Ellul fid-deposizzjoni tagħhom, dakinhar l-appartament kien lest minn kollox, u s-somma li kellhom iħallsu għal din il-proprjeta' kienet appuntu dik miftehma ta'Lm27,000. Dawn jgħidu li ma ħallsuhomx kollha f'daqqa, u sakemm kienu għadhom qed jinġabru l-provi, kien għad baqa'xi bilanċ x'jitħallas.

Intqal ukoll li l-attriċi Carmela Cassar kienet ġia għaddiet minn esperjenza qarsa mal-konvenut meta damet żmien titħabat biex ġabret lura Lm29,000 li kienet ħallsitu akkont tal-prezz ta' appartament fil-Qala li ntrabtet li tixtri minn għandu b'konvenju li sfratta, kif ukoll biex jiġu rilaxxjati l-kontijiet bankarji tagħha marbuta b'garanzija għal xi self meħud minnu. Għalhekk hija u l-atturi l-oħra, billi bdew jissuspettaw li l-konvenut kien ser iħabbathom ukoll biex jieħdu sehemhom mir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament u *garage* li kellu Karistu, malli nqatgħet is-sentenza fil-prim'istanza fil-kawża ċivili għad-danni li kienet ġiet istitwita, talbuh jagħtihom rendikont ta' x'kien intefaq, u wara li jnaqqas l-ispejjeż ġia mħallsa, jagħtihom dak spettanti lilhom minn dak il-bejgħ.

Minn naħa l-oħra nsibu **l-konvenut** Tarcisio Azzopardi jiċħad li kien sar xi ftehim f'dan is-sens, u jaċċetta biss li, fil-laqgħa familjari li kienet saret in segwitu għall-mewt ta' Karistu, kien indaħal biex jieħu ħsieb il-kawżi relatati mal-mewt ta' Karistu Cassar. Rendikont ma kienx għamel għaliex il-kawża ċivili ma kienitx għadha nqatgħet. (Infatti din inqtgħet biss fil-mori tal-kawża presenti). Jiċħad ukoll li f'dik il-laqgħa kien ammetta li Karistu kien ħallsu kollox. Anzi jinsisti li Karistu ma tah xejn iżjed, barra l-Lm2000 indikati fuq il-konvenju. Dawn baqgħu għandu wara l-

mewt ta' Karistu, u qatt ma ħaseb biex jgħaddihom lill-werrieta tiegħu.  Għalkemm il-konvenju kien ilu sew li skada, issoporta indefinittivament billi Karistu kien tal-familja. Jammetti pero' li Karistu kien laħaq għamel xi xogħolijiet ta' tlestija fl-appartament, għalkemm jinsisti li l-bibien waħħalhom hu stess, wara l-mewt ta' Karistu. Jinsisti wkoll li l-prezz li kellhom iħallsu l-konjuġi Ellul għall-appartament u *garage* in kwistjoni kien ta' Lm9,000 kif jidher fil-kuntratt u dawn tħallsu kollha fuq l-att.

Il-konvenuta Victoria Azzopardi, din bint l-attriċi Camela Cassar u oħt l-atturi l-oħra, fl-affidavit tagħha kkorroborat lil żewġha fil-verżjoni tiegħu tal-affarijiet, imma fil-kontro-ezami kienet ferm evażiva, kif kienu ħuha Angelo u martu.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li, fuq bilanċ ta' probabilita', dak li sostnew l-atturi u x-xhieda tagħhom huwa iżjed kredibbli u verosimili minn dak li qalu l-konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti. Dan qed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

1. il-konsistenza tax-xhieda tagħhom; kollha qablu fuq verżjoni waħda, u ċioe' dik proposta mill-atturi fil-premessi tal-kawża;

2. huwa minnu li ma nstabux riċevuti dwar il-pagamenti li saru minn Karistu Cassar lil Tarcisio Azzopardi, imma, apparti l-fatt li l-konvenut kellu aċċess għall-*flat* fejn l-atturi jgħidu li kienu qed jinżammu dawn ir-riċevuti, mhux probabli li Azzopardi, bħala bniedem tan-negozju li dejjem kellu bżonn il-flus f'idejh għad-diversi proġetti li kellu, tant li anke inqeda għal bosta snin bl-investimenti ta' omm il-mara biex jakkwista garanzija bankarja għas-self tiegħu, minkejja kull parentela li kellu ma' Karistu, kien ser jikkuntenta li dan jibqa' jgawdi l-proprjeta' in kwistjoni għal tliet snin sħaħ mingħajr ma jħallas xejn iżjed;

3. hija realistika wkoll il-preokkupazzjoni tal-atturi u l-aħwa l-oħra, li ma xtaqux jistigaw proċeduri ġudizzjarji in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu, qabel ma

ġew assikurati li kien hemm il-proprjeta' tiegħu x'setgħet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti;

4. jissemma r-rendikont; il-konvenut qatt ma ċaħad li kellu jagħti rendikont, imma dan normalment jintalab minn min ikollu ħwejjġu f'idejn ħaddieħor, u jkun preokkupat biex il-fiduċjarju jispjega x'nefaq u x'fadallu f'idejh; għalhekk dan ma jistax ifisser ħlief li huwa minnu li l-konvenut kellu flus tal-mejjet fil-pussess tiegħu, li allura ried jagħti spjegazzjoni dwarhom lill-eredi ta' Karistu Cassar;

5. altrimenti kien ikun l-istess konvenut ħerqan biex jiġbor l-ispejjeż li nefaq f'dan ir-rigward; imma l-konvenut qatt ma qal li l-ispejjeż għal dawn il-kawżi ħariġhom minn butu; lanqas ma jidher li kien ser inaqqashom mid-depożitu ta' Lm2000 li żgur kien ħallas Karistu fuq il-konvenju tiegħu; donnu li dan id-depożitu ried inessih lil kulħadd, u mistoqsi dwaru in konto-eżami ma kienx kapaċi jwieġeb x'kien beħsiebu jagħmel bih;

6. żgur li proprjeta' li dwarha sar konvenju fl-1995 biex tinbiegħ 'ġebel u saqaf' fl-1995 għal Lm19,500, tliet snin wara ma kienitx ser tinbiegħ Lm9000 biss, tenut kont ukoll il-benefikati kollha li laħqu saru fiha;

7. il-konjuġi Ellul dan ammettewh, u rrikonoxxew illi l-prezz realment miftiehem kien ta' Lm27,000, somma realistika meta meta wieħed iqis li sa dakinhar l-appartament kien prattikament lest minn kollox, u li dan sar a spejjeż u bil-ħidma ta' Karistu stess;

8. ma kien hemm ebda reazzjoni għal dan mill-konvenut, lanqas meta l-istess xhieda qalu li baqgħu iħallsu l-bilanċ dovut ratealment, anke fil-mori tal-kawża presenti, minkejja li fil-kuntratt relattiv ġie dikjarat li l-prezz kollu kien tħallas fuq il-kuntratt.

Għaldaqstant ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet tal-atturi m'għandhomx jiġu milqugħa. Rendikont il-konvenut baqa' ma pproduċiex, minkejja li l-kawża ċivili għad-danni in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu Cassar, inqatgħet fil-

mori tas-smiegħ tal-kawża presenti. Il-konvenut pero' ppresenta kopji ta' pagamenti magħmula minnu f'dan ir-rigward.[6] Dawn ilaħħqu total ta': Lm617.80 Il-konvenut donnu jippretendi li jiġi rimborsat ukoll għat-taxxa fuq qliegħ kapitali li ħallas fuq il-kuntratt ta' bejgħ lill-konjuġi Ellul. Imma din it-taxxa fi kwalunkwe każ ried jissoportiha hu, anke kieku laħaq sar il-bejgħ lil Karistu Cassar. L-atturi qegħdin jitolbu Lm13,500 bejniethom u ċioe nofs ir-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetajiet in kwistjoni li kien ta' Lm27,000, neqsin sehemhom minn dawn l-ispejjeż. Dan għaliex, mhux kontestat li Karistu Cassar miet intestat u l-eredi tiegħu kienu sitta, u ċioe' ommu l-attriċi Carmela Cassar, iż-żewġ atturi l-oħra, il-konvenuta, Angelo Cassar u Mary Jane Ellul. Għalhekk jiġi li hu dovut lill-atturi: Lm13,500 – Lm308.90 = Lm13,199.10.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiddeċidi l-kawża billi:

1. tiddikjara mertu eżawrit fir-rigward tal-ewwel talba, billi fil-mori tal-kawza l-konvenut ippresenta kopji tar-riċevuti tal-ispejjeż minnu inkorsi fil-kawżi li saru in konnessjoni mal-mewt ta' Karistu Cassar, ammontanti għal total ta' sitt mija u sbagħtax il-lira maltija u tmenin ċenteżmu (Lm617.80ċ); u

2. tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi l-bilanċ ta' sehemhom mill-prezz tal-proprjeta' li kellu f'idejh Eucharist Cassar, u ċioe' tlettax il-elf, mija u disa' u disgħin lira maltija u għaxar ċenteżmi (Lm13,199.10ċ), li fi flus korrenti jġibu tletin elf seba' mija ħamsa u erbgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€30,745.40).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Settembru 2007 u tal-ittra uffiċċjali tas-26 ta' Settembru 2007. Billi l-ammont realment dovut ġie likwidat biss permezz ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet relattivi humu dovuti minn din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

---

[6] Ara kopji ta' ricevuti esebiti bhala dokti. DB 2 sa DB 5 a fol. 149 – 152 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------